## PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-3 TA' MEJJU, 2024**

**Kawża Numru: 5**

**Rik. Ġur. 1094/2018 RGM**

**Lifts Services Limited**

**vs.**

**1. Dr Daniela Bugeja Mangion bħala mandatarju speċjali għal Curt di Di Cesare Rossella (P. Iva 02129650681)**
**2. Umberto Cascini**

**Il-Qorti**

1. Rat li fit-2 ta' Novembru 2018 is-soċjetà Lifts Services Limited fissret li hija kienet ordnat *lift components* mingħand il-konvenuti, parti mil-liema *lift components* ġew ikkonsenjati mill-konvenuti lill-attriċi fl-ambitu tar-relazzjoni kuntrattwali ta' bejniethom. Fissru li bosta minn dawn il-*lift components* kellhom diversi nuqqasijiet, inkluż iżda mhux biss, ma kinux jaħdmu jew ma jaħdmux sew, ma kinux skont l-ispeċifikazzjonijiet maqbula u ma kellhomx iċ-ċertifikat ta' konformita tal-fornitur rikjesti mil-liġi, biex b'hekk kisru l-obbligi kuntrattwali u legali tagħhom. Konsegwenza ta' dan is-soċjetà attriċi kellha twettaq tiswijiet fuq l-imsemmija *lift components* a spejjeż tagħha liema spejjeż ammontaw għal €40,970. Ippremetiet ukoll li peress li l-konvenuti naqsu milli jipprovdu ċ-ċertifikat imsemmi, is-soċjetà attriċi ma setgħetx tipprovdi dan iċ-ċertifikat lill-

klijenti tagħha bil-konsegwenza li hija ma setgħetx titħallas parti mill-prezz mill-klijenti tagħha liema jammonta għal €28,085.60. Għalhekk il-konvenuti għandhom iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €69,055.60. Fissret li nonostante li hija interpellat lill-konvenuti sabiex iħallsuha l-imsemmija somma, huma baqgħu inadempjenti biex b'hekk huma debituri tas-soċjetà attriċi ta' debitu li huwa ċert, likwidu u dovut, bl-imgħax legali. Għalhekk talbu lil din il-Qorti

> "1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza; u
>
> 2. Tiddikjara illi l-intimati *in solidum* bejniethom ghandhom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' disgha u sittin elf, hamsa u hamsin euro u sittin ċenteżmu (€69,055.60) rappreżentanti: erbghin elf, disa' mija u sebghin ewro (€40,970) riparazzjonijiet fuq l-imsemmija *lift components* illi r-rikorrenti kellha twettaq u spejjez taghha, u tmienja u ghoxrin elf u hamsa u tmenin Ewro u sittin centezmu (€28,085.60) ammonti li ma setghux jithallsu lir-rikorrenti mill-klijenti taghha stante illi dawn il-klijenti ma setghux jiġu ipprovduti bil-fuq imsemmija ċertifikati ta' konformita tal-fornitur; u
>
> 3. Tikkundanna lill-intimati *in solidum* bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' disgha u sittin elf, hamsa u hamsin euro u sittin ċenteżmu (€69,055.60) rappreżentanti: erbghin elf, disa mija u sebghin ewro (€40,970) riparazzjonijiet fuq l-imsemmija *lift components* illi r-rikorrenti kellha twettaq a spejjez taghha, u tmienja u ghoxrin elf u hamsa u tmenin Ewro u sittin centezmu (€28,085.60) ammonti li ma setghux jithallsu lir-rikorrenti mill-klijenti taghha stante illi dawn il-klijenti ma setghux jiġu ipprovduti bil-fuq imsemmija ċertifikati ta' konformita tal-fornitur;
>
> Bl-imghax legali skond il-ligi sad-data tal-pagamenti effettiv u bl-ispejjez kompriża dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-26 t'Ottubru 2018 kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

2. Rat li fis-27 ta' Diċembru 2018 il-konvenut Umberto Cascini eċċepixxa li t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex huwa m'huwiex il-leġittimu kontradittur. In oltre eċċepixxa li huwa qatt ma ħareġ fatturi u dan għaliex huwa biss konsulent mas-soċjetà Curt Di DI Cesare Rossella (minn issa 'l quddiem is-soċjetà konvenuta jew is-soċjetà Curt) u s-soċjetà attriċi qatt ma akkwistat minn għandu. Fisser li n-natura

tax-xogħol tiegħu tikkonsisti fl-għoti ta' servizz tekniku lis-soċjetà konvenuta li min-naħa tagħha tħallslu direttament għas-servizz tiegħu.

3. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà Curt di Di Cesare Rossella ippreżentata fis-27 ta' Diċembru 2018 fejn eċċepiet li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija qatt ma forniet xogħol difettuż lis-soċjetà attriċi. Eċċepiet li s-soċjetà attriċi qatt ma lmentat dwar ix-xogħol konsenjat lilha u kien biss fit-8 ta' Ġunju 2018 li hija ġiet informata permezz ta' korrispondenza elettronika mibgħuta minn Patrick Busuttil, *Operations Manager*, li l-materjal forniet lis-soċjetà attriċi allegatament kien difettuż u talab l-intervent immedjat ta' persuni tekniċi tas-soċjetà konvenuta. Ingħad fl-istess korrispondenza li s-soċjetà attriċi ma kinitx ser tibqa' tħallas għal materjal forniet lilha u in oltre ma kinitx ser tordna materjal ieħor sakemm ma kinux ser jiġu riżolti l-problemi li allegatament instabu fil-materjal forniet lilha. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet li sat-8 ta' Ġunju 2018 is-soċjetà attriċi baqgħet tħallas regolarment u bla problemi għall-materjal forniet ai termini tal-ftehim li kien hemm bejniethom. Eċċepiet koll li fl-istess ġurnata u ċioe fit-8 ta' Ġunju 2018 hija rrispondiet għall-ilment tas-soċjetà attriċi billi uriet id-disponibilità tagħha sabiex issolvi dawk il-problemi li seta' kien hemm u talbet rapport dettaljat dwar il-problemi li allegatament inqalgħu iżda hija qatt ma rċeviet tali rapport. Eċċepiet ukoll li parti mill-materjal konsenjat minnha m'huwiex prodott direttament manufatturat minnha iżda huwa mixtri mingħand kumpaniji terzi u għalhekk li fit-tmien eċċezzjoni tagħha talbet l-intervent ta' dawk il-kumpaniji terzi. Fissret li fil-15 ta' Ġunju 2018 hija informat lis-soċjetà attriċi li kellha xi xogħol lest biex jinġabar u fid-19 ta' Ġunju 2008 wieġbet li kienet ser tiġbor il-materjal. Sussegwentement fis-26 ta' Ġunju 2018 is-soċjetà attriċi bagħtet *email* fejn reġgħet informat lis-soċjetà konvenuta li jekk mhux ser jiġu riżolti l-problemi li kien hemm fix-xogħol forniet lilha kienu ser jiġu mwaqqfa l-ħlasijiet dovuti. Eċċepiet li mhux minnu li hija naqqset milli tipprovdi ċ-ċertifikati ta' konformita tal-*lifts* installati.

4. Rat li flimkien mar-risposta ġuramentata, is-soċjetà konvenuta resqet kontro-talba. Fissret li fit-8 ta' Ġunju 2018 is-soċjetà rikonvenzjonata informatha li ma kinitx ser tħallas għall-materjal ordnat minnha u forniet lilha mis-soċjetà rikonvenzjonanta sakemm ma kienux ser jiġu riżolti l-problemi li kienu inqalgħu fil-materjal forniet lilha. Għal darb'oħra fis-26 ta' Ġunju 2018 is-soċjetà rikonvenzjonata reġgħet tenniet illi ma kinitx ser tibqa tħallas għall-materjal forniet lilha mis-soċjetà rikonvenzjonanta fil-fatt is-soċjetà rikonvenzjonata naqqset milli tħallas għax-xogħol forniet lilha u kien għalhekk li fil-5 ta' Lulju 2018 is-soċjetà rikonvenzjonanta

interpellat lis-soċjetà rikonvenzjonata biex tħallas il-bilanċ dovut fl-ammont ta' €40,728. Is-soċjetà konvenuta rikonvenzjonanti fissret li kienet ġiet informata li f'ċerti postijiet fejn kien qiegħed jiġi allegat li xi xogħol forniet mis-soċjetà rikonvenzjonanti kienu inqalgħu xi problemi kienu daħlu terzi persuni oħra jaħdmu u dawn min-naħa tagħhom kienu ikkawżaw xi danni. Għalhekk talbiet lil din il-Qorti

> "1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjetà r-rikonvenzjonata hija debitriċi tas-soċjetà rikonvenzjonanta Curt di DI Cesare Rossella;
>
> 2. Tikkundanna lis-soċjetà rikonvenzjonata tħallas lis-soċjetà rikonvenzjonata is-somma ta' erbgħat elef, seba' mija u tmienja u għoxrin elf Ewro (€40,728).
>
> Spejjeż kontra s-soċjetà rikonvenzjonata li hija minn issa nġunta in subizzjoni."

5. Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta' attriċi rikonvenzjonata ppreżentata fl-14 ta' Jannar 2019 fejn eċċepiet li hija m'hijiex debitriċi u m'għandha tħallas ebda ammont lis-soċjetà rikonvenzjonanta u dan stante li bosta mil-*lift components* ikkonsenjati lilha kellhom diversi nuqqasijiet kif imfisser fir-rikors ġuramentat tagħhom. Konsegwenza ta' dawk in-nuqqasijiet is-soċjetà rikonvenzjonata kellha twettaq riparazzjonijiet fuq l-imsemmija *lift components* u tibdel *parts* mill-istess a spejjeż tagħha u inkorriet danni oħra. Eċċepiet li uħud mill-*lift components* imsemmija fil-kontro-talba tar-rikonvenzjonanta u fil-fatturi annessi magħha ma ġewx ikkonsenjati lis-soċjetà rikonvenzjonata u b'hekk ma jista' jkun hemm l-ebda obbligu ta' ħlas rigward l-istess.

6. Rat l-atti kollha tal-kawża.

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi ppreżentata fil-31 ta' Lulju 2023[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà Curt di Di Cesare Rossella u tal-konvenut Umberto Cascini ippreżentata fd-29 ta' Settembru 2023[2].

8. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

---

[1] Fol 644 et seq tal-proċess.
[2] Fol 655 et seq tal-proċess.

**Provi**

9. Xehed permezz t'affidavit **Antonio Belfiore**, *senior technician* mas-soċjetà attriċi. Fisser li s-soċjetà attriċi ordnat mingħand is-soċjetà konvenuta u / jew Umberto Cascini il-*lift components* neċessarji sabiex jiġu installati lifts f'numru ta' postijiet. Spjega li uħud mil-*lift components* bdew jimmanifestaw problemi immedjatament x'ħin jiġu installati u oħrajn ftit wara. Jgħid li huma b'mod konsistenti kienu jinfurmaw lil Umberto Cascini b'dawn il-problemi Cascini u n-nies tiegħu kienu jtuhom struzzjonijiet kif kellhom jagħmlu t-tiswijiet u xi kultant Cascini kien jitlob lill-fornituri tiegħu biex jagħtu l-istruzzjonijiet imma qatt ma kien ta' suċċess. Kien għalhekk li l-ħaddiema tas-soċjetà attriċi kienu qegħdin iqattgħu siegħat fuq post għalxejn. Spjega wkoll li peress uħud mil-lifts ma kinux siguri, l-inġinier li kienu jinkarigaw biex jiċċertifikalhom il-lifts ma kienx jippermettilhom jattivawhom. Fisser li huwa bħala *senior technician* kien jinforma u jilmenta ma' Umberto Cascini b'mod regolari bil-problemi li kienu qegħdin ikollhom bil-*lift components*, kemm tramite telefonati kif ukoll b'emails. Qal li nelfrattemp, is-soċjetà attriċi bdiet tiġi kritikata u mhedda mill-klijenti tagħha għax ma setgħux jagħmlu użu mil-*lift* u nies jeħlu fil-*lifts*. Jgħid li f'okkażjoni minnhom Umberto Cascini ġie Malta flimkien ma' persuni tekniċi sabiex isolvu l-problemi. Ifisser li huma ħaduhom ġewwa fond li l-lift kellu problema u damu jumejn jippruvaw isolvu l-problema mingħajr suċċess. Jgħid li telqu minn Malta mingħajr ma żaru l-postijiet l-oħra peress li kienu ġew Malta għal xi jumejn. Jgħid li sussegwentement Cascini ġie lura Malta ma' *technicians* minn Sassi (waħda mill-fornituri tas-soċjetà konvenuta) għal jumejn biex isolvu l-problema imma bla suċċess u telqu mingħajr ma solvew il-problema. Jispjega li Cascini b'mod ripetittiv kien iwegħidhom li ser jipprova jsib soluzzjoni biex irranġa l-*lifts* imma la hu u lanqas oħrajn ma kienu ta' suċċess. Spjega li s-soċjetà attriċi kienet xebgħat u kienet inkarigat it-tekniċi tagħha, sabiex jirrimedjaw il-problema billi bdew jikkonsultaw l-inġiniera tagħhom u bdew imorru minn post għal-ieħor sabiex isolvu l-problema huma. Ix-xhud ippreżenta lista ta' tiswijiet li saru fuq il-*lift components* forniti mis-soċjetà konvenuta, liema lista tinkludi meta marru u l-ħin li damu.

In kontro-eżami ikkonferma li huwa kien jinstalla l-*lift components*, liema *components* kellhom ikunu skont id-disinn u l-proġett u in konformita tal-

istandards tal-Unjoni Ewropea. Mistoqsi dwar il-qies tal-bibien ta' lift partikolari ix-xhud spjega li d-disinn tal-bibien saru fuq disinn speċifiku li ma kienx qed jaqbel "*with the slots of the balls. So, we were going to fit the door and the slots were not matching. So we, had to drill different slots and trying to match the doors*."[3] Ikompli jgħid li l-*counter weight* u l-i*springs* ma kinux qegħdin jaqblu mal-*balancing weight* tal-*panels*. Ix-xhud ġie mistoqsi: "*Do you agree that the electrical components are delivered wired and the installer the only thing that he has to do is connect the electrical component to the power supply that is on the building site*." Ix-xhud wieġeb: "*Exactly. We are expecting that all the parts are ready prepared to be installed quickly. So, we don't have to alternate the design. But in that case, they were ready but not functioning*."[4] Ix-xhud fisser li meta kien hemm bdil jew modifikar, dejjem sar hekk fuq direzzjoni tal-fornitur, bħal fil-każ ta' *Velocity*. Ix-xhud jikkonferma li s-soċjetà attriċi tikkonferma l-ispeċifikazzjonijiet qabel jiġu ordnati, però is-soċjetà attriċi ma tarax kif dawn isiru iżda li huwa importanti hu li l-*lift component* ikun jiffunzjona taħt dawk l-ispeċifikazzjonijiet.

10. Xehed **Patrick Busuttil** fejn spjega li huwa *operations manager* mas-soċjetà attriċi u ilu hekk mis-sena 2017. Mistoqsi x'inhi r-relazzjoni li l-kumpanija attriċi għandha ma' Umberto Cascini, ix-xhud jgħid li meta daħal hu, l-imsemmi konvenut kien diġà jissupplixxu parts u liftijiet lis-soċjetà attriċi. Jgħid li huwa dejjem ma' Cascini tkellem u kien tah l-impressjoni li l-isem Curt kien *trade name* u kienet tidher fuq kull korrispondenza. Muri l-*order forms* ippreżentati mis-soċjetà konvenuta, ix-xhud spjega li l-*order form* kienet tiġi mingħand is-Sur Cascini imma imbagħad isib l-isem Curt di Di Cesare Rossella; il-fatturi kienu jkunu wkoll fuq Curt di Di Cesare Rossella. Mistoqsi xi problemi kellhom il-lifts ix-xhud jgħid li dawn kienu jitwaħħlu u ma kinux jaħdmu; id-difetti kienu varji, daqqa elettroniċi, daqqa problema t'elettriku. Fisser li ġaladarba l-lifts ma kinux jaħdmu huma ma kinux jistgħu jagħtu ċ-ċertifikat ta' konformita. Mistoqsi x'kienu jagħmlu meta kienu jiltaqgħu ma' dawn il-problemi, ix-xhud spjega li huwa kien jikkomunika bil-miktub mas-Sur Cascini bil-problema, u s-Sur Cascini kien jagħtihom id-direzzjonijiet ta' x'għandhom jagħmlu biex isewwu d-difett. Jgħid li huma kienu jsegwu l-istruzzjonijiet mogħtija minn Cascini iżda l-problema tibqa' hemm. Ix-xhud ippreżenta l-korrispondenza skambjata mas-Sur Cascini. Fisser li s-Sur Cascini bħala fornitur tas-soċjetà attriċi kien ġie Malta flimkien ma' tekniċi fuq il-bibien, fuq l-elettriku, fuq il-muturi tal-*lifts* u t-tieni dabra li ġie kien ġab ukoll lill-

[3] Fol 608 tal-proċess.
[4] Fol 608 tal-proċess.

manifattur tal-mutur biex jipprova jsolvi l-problema. Jgħid li jekk jiftakar sew fiż-żewġ okkażjonijiet kienu għamlu ġurnata sħiħa, xi tnax jew tlettax-il siegħa *on-site*, bl-idea però li jduru l-postijiet kollha li kellhom problema fil-*lifts* li kienu ħdax-il post b'kollox, iżda rnexxilhom imorru fuq post wieħed biss u għalkemm għamlu ġurnata jippruvaw isolvu l-problema, il-problema ma ssolvietx. Spjega li huma ma setgħux iħallu l-klijenti mingħajr *lift* meta dawn ħallsu għalih u ma setgħux jgħidulhom li ġej il-fornitur jew it-tekniċi minn barra, kien għalhekk li huma qabdu t-tekniċi tagħhom biex isibu tarf u fil-fatt kienu sabu tarf tal-problema. Ix-xhud jgħid li fil-korrispondenza tal-5 ta' Settembru, Cascini ammetta li kien hemm problema u li l-*lifts* kellhom difett u kien qalilhom sabiex iżommu ammont ta flus bħala garanzija sakemm tiġi riżolta l-problema. Ix-xhud ippreżenta rapport tas-siegħat kollha u l-ispejjeż kollha tat-tiswijiet fir-rigward tal-11-il fond li fihom kellhom problema. It-tieni parti ta' dan id-dokument jipprovdi l-ammont ta' flus li huma ma tħallsux mill-klijenti. Fuq dan il-punt, ix-xhud spjega li huma jitħallsu 40% bħala depożitu, 40% oħra meta tingħata l-merkanzija u 20% meta jiġi ċċertifikat il-lift u peress li l-*lifts* ma kinux qegħdin jiġu ċ-ċertifikati, il-klijenti ma kinux iħallsu dik l-aħħar 20% b'konsegwenza li hija somma nieqsa għas-soċjetà attriċi. Mistoqsi dwar il-lift ta' Burlington li qiegħed jintalab il-ħlas għalih fil-kontro-talba, ix-xhud fisser li Cascini ma riedx jibgħatu qabel jirċievi l-ħlas tiegħu. Jgħid li s-soċjetà attriċi baqgħet ma ħallsitux u dan peress li kien hemm bilanċ ta' xogħol li kellha tħallas is-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi. Fuq mistoqsija i jekk ġiex mibgħut Malta l-imsemmi *lift*, ix-xhud jgħid li le qatt ma ntbagħat Malta.

In kontro-eżami mistoqsi jekk il-fatturi hux dejjem inħarġu f'isem Curt, ix-xhud fisser li l-order forms kienu ndirizzati lil Cascini iżda hemm it-trademark jew logo tas-soċjetà Curt di Di Cesare Rossella. Mistoqsi jekk kienx hemm klijenti oħra oltre il-ħdax imsemmija minnu, ix-xhud jgħid li safejn jaf hu dawk biss. Mistoqsi jekk kinux jagħmlu kontrolli fuq il-konsenja mibgħuta lis-soċjetà attriċi mis-soċjetà Curt, ix-xhud jgħid il huma jiċċekkjaw il-kwantità però jekk kienx jaħdem u jekk kienx ta' daqs tajjeb kienu jistgħu jiċċekjawh fuq il-post biss u mhux malli jaslu għandhom. Mistoqsi jekk kinux jiċċekkjaw l-ispeċifikazzjonijiet tal-*lift components* ix-xhud jgħid li huma fl-*order* kienu jibgħatu l-qisien imbagħad kien sta għas-soċjetà konvenuta li tagħmel il-konklużjonijiet tagħha u x'kien ikun hemm bżonn. Mistoqsi jekk l-installazzjoni kinitx issir minn kuntratturi esterni jew mit-tekniċi tas-soċjetà attriċi, ix-xhud jgħid li huma t-tekniċi tas-soċjetà attriċi li kienu jagħmlu l-installazzjonijiet. Mistoqsi jekk il-lista ta' xogħol li sar, ippreżentat mix-xhud u tinsab a fol 124 et seq,

jinkludix fiha xogħlijiet mhux relatati mal-problemi imsemmija mis-soċjetà attriċi imma relatati ma' installazzjoni, ix-xhud ikkonferma.

In ri-eżami ikkjarifika li kull deskrizzjoni mogħtija fil-lista a fol 124 et seq għandha tinqara fil-kuntest tagħha. Meta fil-lista hemm il-kelma "missing" ifisser li s-soċjetà Curt naqset milli tibgħat dik il-parti. Jgħid ukoll li l-tekniċi jmorru fuq il-post biex isolvu problema irrispettivament jekk hijiex problema ta' installazzjoni jew għax hemm affarijiet neqsin mill-fornitur.

11. Xehed **Justin Loffreda** *operations and sales manager* mas-soċjetà attriċi. Fisser li huma jaħdmu b'dan il-mod: il-klijenti ordnaw *lifts* minn għandhom, huma jordnaw u jixtru l-*lift components* mingħand Umberto Cascini u / jew Curt di Di Cesare Rossella meta l-imsemmija *components* jaslu Malta, huma jinstallawhom fil-fond tal-klijenti tagħhom. Jispjega li huwa kien involut direttament fl-ordnijiet tal-*lift components* għal-liftijiet li kien hemm bżonn għall-11-il fond mertu tal-kawża. Fisser li meta tidħol ordni huwa kien jikkomunika ma' Cascini permezz tat-telefon, WhatsaApp u email bir-rekwiżiti tagħhom Cascini imbagħad kien jikkompula l-ispeċifikazzjonijiet tal-*lift components* għall-ħtiġijiet tagħhom u kienet issir l-ordni. Jgħid li Cascini qatt ma qallu li kien qed jaġixxi f'isem xi kumpannija jew f'isem xi ħadd ieħor iżda kien itih l-impressjoni li jaħdem waħdu. Ix-xhud jgħid li Cascini kien jibgħatlu pjanta tal-*lift* u *order form* permezz t'email. Jgħid ukoll li fuq l-*order form* kien ikun hemm Umberto Cascini stess u l-logo bil-kliem Curt fuqu u fl-aħħar il-kliem Curt di Di Cesare Rossella. Ix-xhud jgħid li Cascini qatt ma qalilhom lil min tappartjeni il-logo. Jispjega li wara li jirċievu l-*lift components* Cascini kien jibgħatilhom *invoice* permezz ta' email. Fisser li wara li jirċievu l-*lift components* Cascini kien jibgħatilhom l-fattura permezz t'email, liema fattura wkoll kellha l-logo CURT kif ukoll l-isem Curt di Di Cesare Rossella fuqha. Ix-xhud spjega li l-fattura kienet tintbagħat lis-soċjetà attriċi mill-email ta' Cascini u huma ma kellhom ebda involviment fil-preparazzjoni tagħha. Ix-xhud kompla jgħid li l-*lift components* li kienu xtraw mingħand is-soċjetà konvenut u / jew Cascini kienu difettużi u ma kinux jaħdmu sew u ġieli ma kinux skond l-ispeċifikazzjonijiet ordnati. Jgħid li huma kienu jinfurmaw lil Cascini b'dan immedjatament u jilmentaw miegħu. Jgħid li Cascini dejjem wiegħed li ser isolvu l-problemi u d-difetti u hu jew nies imqabbdin minnu kienu jtuhom struzzjonijiet dwar kif dawn in-nuqqasijiet għandhom jiġu irranġati iżda b'dawn l-istruzzjonijiet il-problemi xorta ma ssolvewx. Minħabba dawn in-nuqqasijiet, l-inġiniera mqabbdin mis-soċjetà attriċi ma setgħux jiċċertifikaw il-*lifts* u ma setgħux jqabbduhom u jħaddmuhom. Jgħid li nelfrattemp is-soċjetà attriċi kienet qed tirċievi ilmenti kontinwi mill-

klijenti tagħha li ħallsu depożitu. Jgħid li l-ftehim mal-klijenti tagħhom kien li dawn iħallsuhom l-aħħar 20% tal-prezz meta dan jiġi ċċertifikat mill-inġiniera u għalhekk ma setgħux jiġbru dan il-bilanċ peress li l-inġinier ma bediex jagħti ċ-ċertifikazzjoni tiegħu. Fisser li Cascini ġie Malta akkumpanjat min-nies tekniċi sabiex jippruvaw isolvu n-nuqqasijiet. Jgħid li ħaduhom sabiex jaħdmu fuq lift ġewwa proprjetà f'Ħal Tarxien iżda għalkemm damu jumejn huma ma rnexxielhomx u telqu minn Malta mingħajr ma sewwew dan il-lift u mingħajr ma marru f'post ieħor jippruvaw isewwu l-liftijiet l-oħra. Jgħid li Cascini reġa' ġie Malta f'okkażjoni oħra akkumpanjat min-nies tekniċi iżda għalkemm reġgħu għamlu jumejn jippruvaw isewwu, reġgħu ma kellhomx suċċess. Jgħid li huwa kien preżenti f'dawn iż-żewġ istanzi. Jgħid li Cascini baqa' jipprometti li jsolvi dawn in-nuqqasijiet iżda kien kollu ta' xejn. Fisser li s-superjuri tiegħu u Cascini ftehmu li t-tekniċi tas-soċjetà attriċi għandhom jippruvaw isolvu n-nuqqasijiet.

12. Xehed il-konvenut **Umberto Cascin**i fejn fisser li huwa m'huwiex impjegat tas-soċjetà konvenuta Curt u lanqas m'għandu kuntratt t'impjieg mal-istess kumpanija. Ifisser li huwa tekniku *self-employed* però imqabbad mis-soċjetà konvenuta biex isegwi r-relazzjoni tekniku u kummerċjali li s-soċjetà attriċi kellha mas-soċjetà konvenuta. Jgħid li xogħlu kien li meta s-soċjetà Curt tirċievi rikjesta għal stima mingħand is-soċjetà konvenuta, huwa jeżamina t-talba u jiżviluppa proġett tekniku u jikkuntattja lid-diversi fornituri għal prezzijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Meta d-disinn finali jiġi aċċettat mis-soċjetà attriċi huwa jinkariga lis-soċjetà Curt tagħmel l-ordni tal- *lift components*. Jgħid li wara li l-ordni tasal għand CURT, huwa jivverifika l-konformita tagħha u wara jinforma lil CURT li l-materjal huwa lest għal ġarr. Jgħid li huwa minħabba l-esperjenza teknika tiegħu li s-soċjetà attriċi kienet tindirizza l-problemi tekniċi direttament lilu.

Il-konvenut Umberto Cascini ippreżenta t-tieni affidavit tiegħu fejn fisser li s-soċjetà attriċi bdiet tagħmel ordnijiet għal-*lift components* mingħand is-soċjetà CURT mis-sena 2015 / 2016 iżda waqfu jagħmlu dan fit-8 ta' Ġunju 2018 meta s-Sur Patrick Busuttil bagħat email b'sensiela ta' problemi li ltaqgħu magħhom f'uħud mis-sistemi fornuti u talab intervent immedjat fuq il-post kif ukoll li ser jintbagħat materjal lura li ma kienx konformi. Jgħid li fl-istess email kien hemm imniżżel li s-soċjetà attriċi mhux ser tagħmel pagamenti u ordnijiet għal materjal ġdid sakemm is-soċjetà CURT issolvi l-problemi li ltaqgħu magħhom. Jgħid li dak inhar stess is-soċjetà CURT irrispondiet u talbet rapport dettaljat tal-problemi sabiex ikunu jistgħu jagħtu l-aħjar parir, iżda skond il-konvenut Cascini dan ir-rapport qatt ma

wasal. Qal li f'żewġ istanzi huma bidlu żewġ ħitan tal-*lifts* mingħajr lanqas biss ivverifika l-kawża tal-problema u dan sar sabiex jinżammu relazzjonijiet tajbin. Ix-xhud jgħid li sat-8 ta' Ġunju 2018 huma qatt ma rċevew ilment mingħand is-soċjetà attriċi u l-ħlas u l-iskadenzi ġew rispettati, kien biss wara li daħlu kollaboraturi ġodda fis-soċjetà attriċi li beda l-ewwel diżgwid tekniku. Qal li fit-12 ta' Ġunju 2018, tekniku mis-soċjetà Great Elevators srl, fornitur tas-soċjetà CURT għamel kuntatt telefoniku ma' tekniku tas-soċjetà attriċi sabiex jiddiskutu l-problemi li ltaqgħu magħhom 'wieħed mill-installazzjonijiet tal-lifts. Fil-15 ta' Ġunju 2018 imbagħad is-soċjetà CURT informat lis-soċjetà attriċi li oġġetti ordnati qabel it-8 ta' Ġunju 2018 kienu lesti biex jinġabra. Fid-19 ta' Ġunju 2018 is-soċjetà attriċi permezz ta' korrispondenza elettronika ikkonfermat li kienet ser tiġbor il-materjal. Fit-22 ta' Ġunju 2018 is-soċjetà attriċi permezz ta' korrispondenza elettronika reġgħet talbet għal intervent fuq il-post biex isolvu l-problemi nonostante li kienet ingħatat l-għajnuna mis-soċjetà Great Elevators b'telefonata. Apparti problemi elettriċi, is-soċjetà attriċi indikat li kellha problemi fuq bibien fornuti mis-soċjetà CURT. Ikompli jgħid li fl-istess ġurnata il-kumpanija Great Elevators flimkien mas-soċjetà Alberto Sassi ikkomunikaw x'jista' jkun li qiegħed jikkawża l-problema u s-soluzzjoni għalihom. Ix-xhud ifisser li jekk kien hemm problemi tekniċi waqt l-installazzjoni dan ma jistax jiġi attribwit lis-soċjetà Curt iżda lit-tekniċi ingaġġati mis-soċjetà attriċi. Eżempju għal dan ix-xhud jgħid hekk "*per la commessa St. Michael's Court sono state riscontrate problematiche nell'installazione delle porte della ditta N2S e cio perche sono state cornite in fase di progettazione da LIFT SERVICES informazine tecniche non corrette*."[5] In oltre x-xhud jgħid li l-problemi kienu f'ħames postijiet u mhux 11 u dan skont dak li ingħad fl-email ta' Patrick Sammut mibgħut fit-22 ta' Ġunju 2018: "*Siamo parlando di 5 impiani e penso che il [...] Tower Road ha la stessa problema*"[6]. Ix-xhud jgħaddi sabiex jagħmel referenza għall-ispezzjonijiet li saru fuq il-postijiet. Jgħid li l-ewwel spezzjoni saret fil-11 ta' Ġunju 2018 mis-Sur Antonello Scampuddu tal-kumpanija N2S. Ix-xhud jgħid li l-post li mar fuq kien għadu fi stat ta' kostruzzjoni mingħajr ebda finituri u għalhekk ix-xogħol kien qiegħed jitqiegħed fuq wiċċ li ma kienx dritt. In oltre jgħid li t-trab u l-ġebel imorru fuq il-partijiet mekkaniċi li kienu jiffunzjonaw tajjeb, bil-konsegwenza wkoll li jirrovinaw l-estetika tal-istess. Jgħid ukoll li ċ-ċavetta tal-emerġenza dehret li kienet immuntata b'mod skorrett u mhux skond il-manwal forniet. Ix-xhud jgħid li l-kumpanija N2S tat tagħrif ta' kif għandhom jiġu rrimedjati l-iżbalji li għamlu l-*fitters* tas-soċjetà attriċi iżda ebda waħda minn dawn il-

[5] Fol 529 tal-proċess.
[6] Fol 537 tal-proċess.

miżuri ma ttieħdu u dan skond dak li sar jaf minn wieħed ċertu Charlie li jaħdem mal-istess kumpanija attriċi. Ix-xhud jgħid ukoll li rriżulta li s-soċjetà attriċi immuntat *brackets* ħżiena u ġie modifikat materjal forniet mingħajr ebda awtorizzazzjoni tal-manifattur. It-tieni żjara saret bejn l-24 u 26 ta' Lulju 2019. Din saret minnu flimkien mas-Sur Fabio Gallo, sid is-soċjetà Great Elevators u S-Sur Gianfranco Presutti, tekniku estern maħtur mis-soċjetà konvenuta u din saret sabiex jivverifikaw il-problemi rrapurtati u jirrakkomandaw soluzzjoni. Jgħid li mill-ewwel deher li kienu saru modifiki fis-sistemi fornuti waqt l-installazzjoni mingħajr miftiehem mas-soċjetà CURT. Jgħid li s-Sur Belfiore ammetta dan u iddikjara wkoll li l-installar kien sar minn kumpaniji oħra mqabbda mis-soċjetà attriċi. Jgħid ukoll li s-Sur Gallo ikkonferma li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Ix-xhud fisser li waqt l-ispezzjonijiet fuq il-post ma sarx xogħol iżda spjegaw lit-tekniċi tas-soċjetà attriċi kif kellhom iwettqu x-xogħol. Jgħid li f'rigward f'post minnhom, sabu anomalija fil-vultaġġ li kien qiegħed jikkawża l-problema li kien qiegħed isir l-ilment fuqu. Fis-6 u 7 t'Awwissu 2018 saret spezzjoni oħra fuq żewġ postijiet minn Cascini u s-Sur Marco Zanni, tekniku mis-soċjetà Sassi (manifattur tal-muturi tal-lifts) u dan peress li s-soċjetà attriċi ilmentat li l-mutur kien ta' daqs żgħir. Jgħid li saru t-testijiet kollha meħtieġa u taw riżultati tajbin. Jgħid li ġie aċċertat li l-problema kienet ikkawżata minn cable imqabbad ħażin mit-tekniċi tas-soċjetà attriċi. Ix-xhud enfasizza li l-*lift compenents* fornuti b'ċertifikazzjoni ma kellhomx jiġu mittiefsa mingħajr awtorizzazzjoni tal-manifatur jew fornitur. Ix-xhud għadda sabiex jagħmel referenza għax-xogħol ġewwa l-fond il-Kappara fejn qal l il -problema kienet ikkawżata minn tqegħid ħażin tal-art tal-kabina, u tqegħid ħażin tal-bibien u modifika sussegwenti mwettqa mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud għalaq l-affidavit tiegħu bis-segwenti: "*con firerimento all'impianto "Burlington" nonostante i materiali fossero pronti come da contratto, alla richiesta di ritiro da parte della ditta Global incaricata dalla Lift Services la Curt in data 27.06.2018 ha solo communicato di attendere per effettuare alcune verifiche. Lo stesso giorno nel tardo pomeriggio la ditta CURT ha contattato telefonicamente la Global oer comunicare che si poteva caricare la merce il 28.06.2018 [...] LIFT SERVICES, equivocando sul contenuto dell email, rifiutava di caricare nonostante la disponibilita al carico per il 28.06.2018.*"[7]

Il-konvenut Umberto Cascini xhed ukoll quddiem il-Qorti fejn insista li huwa m'huwiex impjegat tas-soċjetà konvenuta iżda huwa self-employed. Bħala ħlas hu ma jieħux profitt mis-soċjetà konvenuta iżda jagħti fatturi lis-

[7] Fol 532 tal-proċess.

soċjetà konvenuta sabiex tħallsu ta' xogħolu. Ix-xhud ikkjarifika wkoll li s-soċjetà CURT ma timmanifatturax *lift components* iżda li tagħmel huwa d-disinn u tiġbor il-*lift components* mill-kumpanija li timmanifattura l-istess parts.

In kontro-eżami ikkonferma li hu m'huwiex inġinier iżda "*geometra*". Mistoqsi kif kienu jsiru l-pagamenti mis-soċjetà attriċi, ix-xhud fisser kien isir ħlas ta' persentaġġ mal-ordni, imbagħad kienu jsiru tlett pagamenti ta' tletin fil-mija (30%), però jinsisti li l-ħlas isir skont x'jipprovdi l-kuntratt. Insista wkoll li l-fattura tinħareġ mis-soċjetà Curt. Mistoqsi jekk il-problemi li ilmentaw dwarhom is-soċjetà attriċi ġewx riżolti wara ż-żjara tiegħu Malta, ix-xhud jgħid il iva. Mistoqsi jikkjarifika allura għalfejn ġie it-tieni darba Malta, ix-xhud jgħid li l-ewwel darba ġie għaliex is-soċjetà attriċi ma kinitx sodisfatta mis-soluzzjoni mogħtija mis-soċjetà GEAT u riedu lis-soċjetà Sassi tiġi tara x'inhi l-problema. Ix-xhud insista wkoll li l-*lift components* ma kinux difettużi iżda l-muntaġġ u t-twaħħil tagħhom sar ħażin. Mistoqsi għalfejn fil-5 ta' Settembru 2018 bagħat joffri li s-soċjetà attriċi żżomm garanzija għal problemi li kienet qiegħda tiffaċċja s-soċjetà attriċi fil-*lift components*, ix-xhud jgħid li dan sar sabiex iżommu relazzjoni tajba mas-soċjetà attriċi u sabiex is-soċjetà attriċi tħallas ammont fuq xi prodotti oħra.

13. Xehed **Antonello Scampuddu**, *partner* u tekniku mas-soċjetà N2S li tipproduċi bibien għal-*lifts*. Ifisser li huma fornitur tas-soċjetà CURT. Jgħid li li-soċjetà attriċi jafha u ġie darbtejn Malta peress li kien ingħad li kien hemm xi problemi. Fisser li l-ewwel darba li ġie Malta induna li l-problema ma kinitx minħabba l-bibien iżda minħabba "*ma ci mancava la struttura dove metterli. In piu sono stato messi le staffe che non erano conforme a quello che noi abbiamo messo sul nostri documenti di come dovevano essere montati le porte tanto che quando sono arrivato ho messo a posto le cose e ho avuto anche delle scuse daella Lift Services perche il problema non era nostro*."[8] Ix-xhud jgħid li niżel it-tieni darba għaliex kien hemm ilment ieħor iżda sab li l-bibien kienu mqiegħda ħażin. Jgħid li huwa meta mar fuq il-post sar jaf li tqiegħed tal-bibien sar minn kuntrattur ieħor imqabbad mis-soċjetà attriċi u mhux mit-tekniċi tas-soċjetà attriċi.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk jiftakarx fejn mar jara l-*lifts* minnu imsemmija, ix-xhud jgħid li ma jiftakarx imma fuq il-mobile kiteb Valletta, però t-triq ma jafx x'jisimha. Jgħid li huwa żar tlett postijiet imma meta ġie

[8] Fol 574 – 575 tal-proċess.

mistoqsi jekk kinux t-tlieta il huma Valletta ix-xhud jgħid li ma jistax ikun wisq t'għajnuna "*ho fatto molto strada*".[9] Ix-xhud jikkonferma li mhux inġinier.

14. Xehed **Marco Zanni**, tekniku mas-soċjetà Alberto Sassi li timmanifattura muturi tal-*lifts*. Jgħid li huwa għandu relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetà Curt. Lis-soċjetà attriċi sar jaf tramite s-soċjetà Curt meta kienu rinfaċċati bi problema u kellhom bżonn l-għajnuna tagħhom. Jgħid li huwa pprova jgħinhom b'email u telefonati iżda meta dawn ma waslu għal ebda riżultat huwa mar fuq il-post biex jara. Jgħid li huwa ġie Malta fil-bidu t'Awwissu 2018. Il-post eżatt ma jiftakarx fejn kien però jiftakar li kien mar f'sala b'ħafna logħob għat-tfal u trampolines. Jgħid li huwa wasal biex sab li "*il problema era causato da un mal collegamento barra difetto al interno del cavo elettrici*"[10].

In kontro-eżami ix-xhud ikkjarifika li r-relazzjoni kuntrattwali tiegħu hija mas-soċjetà Curt u kkomunika mas-soċjetà attriċi tramite s-soċjetà Curt. Mistoqsi x'inhi r-relazzjoni li s-soċjetà Sassi għandha ma' Geat, huwa fisser li s-soċjetà Sassi m'għandha ebda relazzjoni diretta mas-soċjetà Geat iżda "*i loro prodotti cioe' il control panel servono per pilotare per poter utilizare i nostri motori, i nostri motori elettrici*"[11]. Mistoqsi jekk "*il problema quel giorno era nel control panel si o no*?" ix-xhud wieġeb hekk: "*Si. Il problema era un difetto o comunque si definiamolo problema di un collegamento nel control panel che faceva avere dei comportamenti anomali a la macchina*."[12] Mistoqsi għal darb'oħra jekk hemmx spjegazzjoni għal problema ix-xhud għal darb'oħra qal "*c'era un difetto di collegamento di malfunzionamento di un dispositivo che in questo caso era un dispositivo che gestiva l'emergenza e andata a prendere sopravento*."[13] Mistoqsi mill-Qorti jekk għamilx rapport ta' dak li ra, ix-xhud jgħid li għamel u bagħtu lis-soċjetà attriċi u lil Cascini. Mistoqsi jekk huwiex inġinier ix-xhud qal li mhux.

Ikkunsidrat

---

[9] Fol 578 tal-proċess.
[10] Fol 582 tal-proċess.
[11] Fol 574 tal-proċess.
[12] Fol 585 tal-proċess.
[13] Fol 586 tal-proċess.

**Fatti Rilevanti.**

15. Is-soċjetà attriċi ilha tal-anqas mis-sena 2016 tixtri *lift components* m'għand is-soċjetà konvenuta. Jirriżulta li bejn is-sena 2016 u s-sena 2018 is-soċjeta' attriċi kienet tibgħat l-ordnijiet lis-soċjeta' konvenuta bid-dimensjonijiet tal-lift u l-ispeċifikazzjonijiet, filwaqt li l-konvenut Cascini, konsulent mhux impjegat tas-soċjeta' konvenuta, jiddisinja l-lift. Wara li d-disinn jiġi approvat mis-soċjetà attriċi, id-disinn jintbagħat mill-konvenut Cascini lis-soċjetà Curt sabiex tgħaqqad il-*parts* meħtieġa mill-fornituri tagħha. Meta l-*lift components* ikunu lesti, is-soċjetà Curt tinforma lis-soċjetà attriċi sabiex tieħu ħsieb tiġbor il-merkanzija.

16. Ġara li f'xi żmien fis-sena 2017 is-soċjetà attriċi rriskontratt xi difetti fil-prodotti fornuti mis-soċjetà konvenuta u kien għalhekk li fl-10 t'Awwissu 2017, Patrick Busuttil għas-soċjetà attriċi ġab dan għall-attenzjoni ta' Umberto Cascini. F'din il-korrispondenza ma ssemmewx il-postijiet li l-lift installaw kellhom problema iżda l-isem dirett tal-klijent u dawn kienu 4 b'kollox.[14] Magħhom kien hemm ukoll isem tas-soċjetà Mecca Marines liema isem baqa' jidher anke fil-korrispondenza sussegwenti.

17. Kważi sena wara, proprju fit-8 ta' Ġunju 2018, Patrick Busuttil għal darb'oħra informa lis-soċjetà Curt kif ukoll lil Cascini personalment li l-problema ta' Mecca Marines għada tippersisti u li għandhom oħrajn u ċioe fond ġewwa l-Iklin, Windsor Court, fond ieħor ġewwa Graham Street, Velocity, St. Michaels' Court u fond ġewwa Tower Road.[15] Is-Sur Busuttil spjega l-problemi li huma għandhom. Fl-aħħar tal-korrispondenza talbu s-segwenti:

> *"1. Provedete mmediatemenet a mettere a posto tutto il male che ce con il materiale,*
> *2. Provedetetechnici nella prossima settimana a spese vostre, qui a Malta, per riparare o risolvere tutti i problemi technici,*
> *3. non chiedete piu soldi afinche questi problemi non saranno risolti e che ho ricevuto conferma da nostri technici che sono sodisfatti,*
> *4. Voglio un estensione delle garanzie di alemno un altro anno per turri i ascensroi venduti a noi nel ultimi 18 mesi. Questo per rassicurarci che non ci siano problemi che per adesso sono nascosti e che dopi dobbiamo mettere a posto anostra spesa,*

[14] Fol 114 tal-proċess.
[15] Fol 117 tal-proċess.

*5. Tengo in conto il bilanċio di Euro 20,000 come garanzija contro qualsiasi eventuale danni o compenso che i nostri clienti possono chiedere per materiale difettoso. Ti assicuro che per proteggiere la Lift Services questi compensi io le paghero senza discutere.*
*6. Con copia di questo email, avviso Matthew che prima della mia paroli che tuotto e stato risolto, nona utoriza cnessun pagamento e anche avviso Justin di non fare piu ordine affinche daro la ma paroli. Dobbiamo concentraci a risolvere tutti i problmei; sie no andiamo giu*."[16]

18. Saru diversi skambji mas-soċjetà konvenuta kif ukoll mal-fornituri tal-imsemmija soċjetà kif ukoll skambji telefoniċi sabiex tinsab soluzzjoni għal problemi u difetti riskontrati mis-soċjetà attriċi. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-konvenut Umberto Cascini ġie darbtejn Malta u f'istanzi oħra ġew fornituri tas-soċjetà konvenuta wkoll sabiex jippruvaw isolvu l-problema.

19. Is-soċjetà attriċi tinsisti li minħabba dawn il-problemi u difetti hija daħlet fi spejjeż inutli u qiegħda titlob il-ħlas għall-ispejjeż tar-riparazzjoni kif ukoll ammont li ma setax jinġabar minnha mill-klijenti tenut kont li ma setax jiġi provdut ċertifikat ta' konformita.

20. Is-soċjetà Curt min-naħa tagħha tressaq kontro-talba stante li s-soċjetà attriċi naqset milli tħallas għal materjal ordnat minnha.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

***L-Eċċezzjoni li l-konvenut Umberto Cascini ma hux leġittimu kontradittur***

21. Il-konvenut Umberto Cascini eċċepixxa li m'huwiex il-leġittimu kontradittur tant li huwa qatt ma ħareġ fatturi lis-soċjetà attriċi u l-istess soċjetà qatt ma akkwistat xejn minn għandu. Fisser li huwa jipprovdi servizz tekniku lis-soċjetà konvenuta li min-naħa tagħha tħallsu għas-servizz tiegħu.

22. Is-soċjetà attriċi tinsisti li Cascini huwa fil-fatt leġittimu kontradittur u dan stante li l-imsemmi Cascini qatt ma informa lis-Sur Busuttil u lis-Sur Loffreda "*espressament jew inekwivokabbilment illi kien qed jagixxi ghan-nom tas-socjeta' CURT di Di Cesare Rossella*"[17]. Tissottometti wkoll li l-kliem "Curt" fuq id-dokumenti mibgħuta minn Cascini huwa biss logo /

[16] Fol 118 tal-proċess.
[17] Fol 645 tal-proċess.

trade name u imkien m'hemm li dan huwa l-logo jew trade name tas-soċjetà Curt di Di Cesare Rossella. Jinsistu wkoll li huwa Cascini li jipprepara l-fatturi.

23. Min-naħa tiegħu l-konvenut Cascini jissottometti li "*xogħolhu huwa ta' technical sales manages u ċioe jkollu relazzjoni mal-klijenti tas-soċjetà intimata fejn huwa jqabbad lill-klijenti mas-socjeta intimata biex fl-aħħar mill-aħħar issir transazzjoni bejn il-klijenti u s-soċjetà intimata*."[18]

24. Il-prinċipji saljenti regolanti l-ħtieġa tal-leġittimita' passiva fil-konvenut huma s-segwenti:

1. Bħala linja ġenerali, l-interess ġuridiku fil-konvenut jirradika fih il-leġittimita' passiva li joqgħod fil-ġudizzju; bl-istess mod kif l-interess ġuridiku fl-attur jirradika fih il-leġittimita' attiva li jippromwovi l-azzjoni ġudizzjarja.

2. Huwa miżmum illi sabiex wieħed jara jekk parti f'kawża hijiex jew le l-legittimu kontradittur tal-parti l-oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk, mad-daqqa t'għajn, il-persuna imħarrka kinetx materjalment parti fin-negozju li skond il-parti attriċi jkun ħoloq ir-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom, li twassal biex inħolqu r-rabtiet kuntrattwali fuq il-parti imħarrka illi kellha twieġeb għalihom; [**Frankie Refalo vs Jason Azzopardi -** Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru 2001]

3. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit fuq livell ta' *prima facie*, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idonea biex tirrispondi għat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa;

4. Id-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, *ope successionis* jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika. [**Focal Maritime Services Ltd. vs Top Hat Co. Ltd**. - Qorti tal-Appell – 9 ta' April 2008; **Edgar Urpani vs Continental Meat Co**

[18] Fol 656 tal-proċess.

**Ltd** - Prim’ Awla – 28 ta’ Settembru 2016; **MM Worshop Limited vs Dipartimetn tal-Protezzjoni Ċivili** - Qorti tal-Appell (Inf) - 16 ta’ Ġunju 2017.]

5. Iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ leġittimita’ passiva ma tfissirx li una volta jiġi investit il-mertu tal-kawża għandu tabilfors il-konvenut jinstab responsabbli biex jagħmel tajjeb għat-talbiet attriċi, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom ikunu diretti lejn ħaddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta` jigi wkoll citat bhala leġittimu kontradittur fil-kawza.

6. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti in kawża tkun leġittimu kontradittur lanqas ma tfisser li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet opposti għat-talbiet, tasal għall-konkluzjoni li l-konvenut – ġia’ dikjarat *prima facie* leġittimu kontradittur – kien, wara t-trattazzjoni tal-kawża fil-mertu, estranju għar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata.

7. Għall-iskop tal-valutazzjoni ta’ l-integrita’ tal-kontradittorju wieħed għandu jieħu in konsiderazzjoni dak li l-attur qed jitlob fil-kawża u mhux ukoll l-eżitu tal-kontroverzja. [**Frances Mercieca vs Future Focus Lt**d - Qorti tal-Appell (Inf) - 17 ta’ Ottubru 2007]

8. Meta f’kawża jiġi ċċitat konvenut wieħed, l-akkoljiment ta’ l-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ leġittimita’ passiva fil-konvenut iġib fi tmiemu s-smiegħ tal-kawża mingħajr il-ħtieġa li jiġi trattat u deċiż il-mertu.

25. Fil-każ de quo s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex lill-konvenuti għall-ħlas tas-somma €69,055.60 rappreżentanti €40,970 tiswijiet fuq l-imsemmija *lift components* illi s-soċjetà attriċi allegatament kellha twettaq u €28,085.60 ammonti li allegatament ma tħallsux lis-soċjetà attriċi mill-klijenti tagħha minħabba nuqqas ta’ ċertifikati ta’ konformita.

26. L-azzjoni attriċi hija msejsa fuq relazzjoni kuntrattwali dwar xiri ta’ *lift components* li ġew minnha mixtrija. Is-soċjetà attriċi ma ppreżentat ebda ftehim jew korrispondenza li turi illi l-kuntrattazzjoni saret bejnha u bejn il-konvenut Cascini personalment.

27. Kif ġie mfisser fir-risposta ġuramentata ta’ Cascini, l-irwol primarju tiegħu kien li jiddisinja l-lift skont l-ispeċifikazzjonijiet u l-qisien mogħtija mis-

soċjetà attriċi lis-soċjeta' konvenuta. Wara li d-disinn ippreparat minnu kien jiġi kkonfermat mis-soċjetà attriċi, ir-rikjesta għall-approvazzjoni tal-ordni kif ukoll ir-rikjesta biex jiġi ffirmat il-kuntratt kienet issir minn terzi persuni fi ħdan is-soċjetà konvenuta u mhux minn Cascini. Mill-faxxiklu ta' dokumenti ppreżentat mis-soċjetà attriċi jidher li dawn kienu jintbagħtu xi minn daqqiet minn Gabriele Lazzarini u xi drabi minn Stefano Ferratusco.

28. Din il-Qorti tqis li huwa minnu li fuq in-naħa ta' fuq tal-kuntratt wieħed isib isem il-konvenut Cascini. Però din il-Qorti tagħraf li ismu jinsab taħt il-kappa "*Responsabile tecnico commerciale*". In-naħa ta' fuq hemm ukoll il-logo "CURT mechanical projects & lift" u fl-aħħar tal-kuntratti kollha li jinsabu fl-atti hemm indikat l-isem tas-soċjetà Curt di De Cesare Rossella. Din il-Qorti tinnota wkoll li l-*invoices* kienu jinħarġu f'isem is-soċjetà konvenuta: CURT di Di Cesare Rossella mechanical projects & lift.

29. Is-soċjetà attriċi tissottometti li Cascini qatt ma qalilha li kien qiegħed jopera għan-nom tas-soċjetà konvenuta. Din is-sottomissjoni hija kemxejn dgħajfa meta wieħed iqis li fil-kuntratt ismu ġie indikat bħala l-persuna responsabbli mill-qasam tekniku u meta l-kuntratt kif ukoll il-fattura indikaw isem is-soċjetà konvenuta b'mod ċar.

30. Is-soċjetà attriċi tant tagħraf li kellha relazzjoni kuntrattwali mas-soċjetà konvenuta li ħarkitha bħala konvenuta. Għall-kompletezza din il-Qorti tqis li l-ilment tas-soċjetà attriċi huwa bażat fuq *lift components* difettużi u mhux fuq id-disinn. Kif ġia ritenut Cascini kien responsabbli mid-disinn. Għalkemm l-ordni kienet issir fuq direzzjoni ta' Cascini, kienet is-soċjetà konvenuta li tieħu ħsieb tforni l-oġġetti ordnati u mhux Cascini f'ismu proprju. Tant dan huwa l-każ li fil-korrispondenza datata 10 t'Awwissu 2017 mibgħuta mis-Sur Patrick Busuttil jidher ċar li l-ħlas dejjem sar lis-soċjetà konvenuta: "*ma devi capire che Lift Services paga Curt Projects per tutto il materiale. Noi non compriamo il materiale da diversi fornitori ma direttamente da Curt e percio, second me, Curt e il responsabile per assucrare che il materiale va tuott bene*."[19] Dan reġa' ġie ritenut mis-Sur Busuttil fil-korrispondenza tat-8 ta' Ġunju 2018: "*noi pagiamo la CURT soldi buoni per un prodotto di qualita.*"[20]

31. Is-soċjetà attriċi ma uritx li hija kienet daħlet f'xi negozju jew kuntratt dirett ma' Cascini, lanqas ma urew li huma qatt għamlu xi pagament dirett lilu għall-ordnijiet li saru minnha.

---

[19] Fol 115 tal-proċess.
[20] Fol 118 tal-prċoess

32. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda dubju li l-leġittimu kontradittur tal-azzjoni attriċi hija s-soċjeta' konvenuta u mhux il-konvenut Cascini.

33. Il-fatt waħdu li parti minn dan ix-xogħol isir minn Cascini bħala konsulent tal-kumpanija konvenuta ma jirrendihx responsabbli personalment versu l-attriċi għall-konsenji li l-kumpanija konvenuta għamlet lill-kumpanija attriċi.

34. Għaldaqstant tqis illi l-konvenut Umberto Cascini m'għandux il-leġittimazzjoni passiva sabiex joqgħod f'din il-kawża, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

**Il-Mertu tal-Azzjoni Attriċi - Allegati difetti jew nuqqasijiet fil-lift components mibjugħa mis-soċjeta' konvenuta lis-soċjeta' attriċi.**

35. Is-soċjetà attriċi resqet din l-azzjoni għaliex tallega li ordnat *lift components* li kellhom diversi nuqqasijiet fosthom li ma jaħdmux sew jew ma kinux jaħdmu, ma kinux skond l-ispeċifikazzjonijiet maqbula u ma kellhomx iċ-ċertifikat ta' konformita tal-fornitur rikjesti mil-liġi. Is-soċjetà konvenuta tirribatti din l-allegazzjoni billi tgħid illi s-soċjetà attriċi qatt ma ilmentat dwar ix-xogħol konsenjat lilha qabel u kien biss fit-8 ta' Ġunju 2018 li saret allegazzjoni li l-materjal forniet kien difettuż. Tgħid ukoll li hija kienet talbet li jintbagħat rapport dettaljat tan-nuqqasijiet; tgħid ukoll li dan ir-rapport qatt ma ġie mibgħut mis-soċjetà attriċi. Eċċepiet ukoll li parti mill-materjal konsenjat mis-soċjetà konvenuta m'huwiex manifatturat minnha iżda huma mixtrija mingħand kumpaniji terzi. Eċċepiet ukoll li mhux minnu li s-soċjetà konvenuta naqset milli tipprovdi ċ-ċertifikat ta' konformita'. Tgħid ukoll illi kienu t-tekniċi jew in-nies imqabbda mis-soċjetà attriċi li mmuntaw il-*lift components* ħażin u li għamlu modifiki fl-istess komponenti.

36. Irrispettivament mingħand min is-soċjeta' konvenuta kienet tixtri l-lift components li kienet tforni lis-soċjeta' attriċi, ir-relazzjoni kuntrattwali dejjem kienet bejn is-soċjetà attriċi u s-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà attriċi qatt ma kienet parti fin-negozju bejn is-soċjetà konvenuta u l-fornituri tagħha. Kif jipprovdi **Artikolu 1001 tal-Kodiċi Ċivili** il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet kontraenti biss u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief għal każijiet li tgħid il-liġi.

37. Kuntrarjament għal dak li tallega s-soċjetà konvenuta, l-ewwel ilment rigwardanti nuqqasijiet fil-*lift components* ma sarx fis-sena 2018 imma fl-10 t'Awissu 2017 meta is-Sur Patrick Busuttil għas-soċjeta' attriċi ikkomunika mas-soċjetà konvenuta dwar il-problemi li ltaqgħu magħhom f'diversi installazzjonijiet. Kien fit-8 ta' Ġunju 2018, u peress li sa dakinhar il-problemi ma ġewx riżolti, meta s-soċjetà attriċi informat lis-soċjetà konvenuta li kienet ser twaqqaf il-pagamenti sakemm jiġu riżolti l-problemi kkawżati min-nuqqasijiet fil-*lift components.* F'din l-email issemmew is-segwenti postijiet:

i. Mecca Marines
ii. "Tabone Iklin Jan Grands"[21]
iii. Windsor Court
iv. Graham Street
v. Velocity
vi. Tower Road
vii. St Michaels' Court
viii. Island View – però x-xogħol kien għadu ser jibda u wera tħassib tiegħu li ser ikollhom problema fuq dan ukoll

Għal kull post, Busuttil speċifika x'kienet il-problema.

38. Din l-osservazzjoni qiegħda ssir fid-dawl tal-fatt li s-soċjetà konvenuta eċċepiet li s-soċjetà attriċi naqset milli tipprovdi rapport dettaljat tan-nuqqasijiet ilmentati minnhom. Din il-Qorti tara mill-korrispondenza ppreżenta, b'mod partikolari l-korrispondenza tat-22 ta' Ġunju 2018[22] kif ukoll l-iskambji bejn is-soċjetà konvenuta u s-soċjetajiet terzi li jfornu l-prodotti lilha tas-27 ta' Lulju 2018[23] li juru li kemm is-soċjetà konvenuta kif ukoll il-kumpaniji terzi kienu qegħdin jifhmu sewwa x'kienu l-problemi li qegħdin jiltaqgħu magħhom it-tekniċi tas-soċjetà attriċi tant li bdew jipproponu soluzzjonijiet għall-istess.

39. B'korrispondenza elettronika datata l-1 t'Awwissu 2018 is-soċjetà attriċi informat lill-konvenut Cascini dwar il-problema li kienu qegħdin jiskontraw f'lift ġewwa fond Ħal Tarxien. Din il-korrispondenza tinkludi fiha r-riżultati li huma kisbu mit-testijiet li għamlu kif ukoll il-parametri varji li fuqhom għamlu t-testijiet.[24] Korrispondenza oħra datata 8 t'Awwissu 2018

[21] Fol 117 tal-proċess.
[22] Fol 110 tal-proċess.
[23] Fol 111 et seq tal-proċess.
[24] Fol 87 tal-proċess.

mibgħuta wkoll lill-konvenut Cascini rigwardanti problemi li skontraw f'lift ġewwa proprjetà tas-Sliema. Din il-korrispondenza wkoll tinkludi x'testijiet għamlu u r-riżultati li kisbu.[25]

40. It-tekniċi kemm tas-soċjetà konvenuta kif ukoll tal-kumpaniji terzi ġew Malta u marru fuq uħud mill-postijiet sabiex jirrimedjaw il-problema. Uħud minn dawn it-tekniċi telgħu jixhdu.

41. Antonello Scampuddu, *partner* u tekniku mas-soċjetà N2S, jgħid li l-problema ma kinux fil-bibien manifatturati mill-kumpanija tiegħu iżda fl-istruttura li kellhom jitqiegħdu, huwa ma kienx f'pożizzjoni jgħid għal-liema fond qiegħed jirriferi għajr għal fatt li huwa kellu nota li tgħid Valletta. Il-lista li hemm fl-email tat-8 ta' Ġunju 2018 m'hemm ebda fond fil-Belt, u lanqas fil-lista imsemmija fl-affidavits ta' Loffredo u Belfiore li ser jiġu prodotti aktar 'l quddiem.

42. Zanni, tekniku mas-soċjetà Sassi xhed li meta mar fuq il-post huwa sab li "*il problema era causato da un mal collegamento barra difetto al interno del cavo elettrici*"[26]. In kontro-eżami imbagħad ġie mistoqsi jekk "*il problema quel giorno era nel control panel si o no*?" ix-xhud wieġeb hekk: "*Si. Il problema era un difetto o comunque si definiamolo problema di un collegamento nel control panel che faceva avere dei comportamenti anomali a la macchina*."[27] Mistoqsi għal darb'oħra jekk hemmx spjegazzjoni għal problema ix-xhud għal darb'oħra qal "*c'era un difetto di collegamento di malfunzionamento di un dispositivo che in questo caso era un dispositivo che gestiva l'emergenza e andata a prendere sopravento*."[28] Mistoqsi jekk għamilx rapport ta' dak li ra, ix-xhud jgħid li għamel u bagħtu lis-soċjetà attriċi u lil Cascini f'forma ta' email.

43. Umberto Cascini fl-affidavit tiegħu wkoll ħa linja difenzjonali fejn is-soċjetà attriċi kienet għamlet modifiki fil-*components* mingħajr approvazzjoni tal-manifattur kif ukoll li kien hemm muntar ħażin min-naħa tat-tekniċi tas-soċjetà attriċi. Fi kliem ieħor is-Sur Cascini jattribwixxi n-nuqqasijiet fil-*components* minħabba negliġenza min-naħa tas-soċjetà attriċi.

44. Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għax-xhieda in kontro-eżami ta' Belfiore, senior technician mas-soċjeta' attriċi, fejn ikkonferma li s-soċjeta'

---

[25] Fol 88 et seq tal-proċess.
[26] Fol 582 tal-proċess.
[27] Fol 585 tal-proċess.
[28] Fol 586 tal-proċess.

attriċi dejjem imxiet fuq l-istruzzjonijiet mogħtija lilha mit-tekniċi tal-kumpanija li timmanifattura l-*components* inkluż l-immodifikar fejn kien hemm bżonn tal-komponenti.

45. Nonostante l-allegazzjonijiet magħmula mis-soċjetà konvenuta, hija naqset milli tippreżenta xi prova konkreta tagħhom. Għalkemm fix-xhieda ta' Scampuddu issemmew xi ritratti u kif ukoll rapport li ħejja Zanni, dawn ma ġewx eżebiti. Ħadd minn GEAT ma tela' jixhed sabiex jiġi determinat jekk il-*control panel* jiġix fornit lis-soċjeta' attriċi *wired* lest kemm jiġi installat. Cascini naqas milli jippreżenta ritratti u/ jew rapport tal-allegat modifiki fil-*components*. Prova li s-soċjeta' attriċi għamlet modifiki mhux awtorizzati ma ġietx imressqa. Irriżulta wkoll illi l-ebda xhud imressaq mis-soċjeta' konvenuta ma huwa inġinier. Imkien fil-korrispondenza a tempo vergine ma jingħad mis-soċjeta' konvenuta dak li issa qed tallega fil-kawża, li kien hemm muntar ħażin tal-istess komponenti.

46. Anzi l-Qorti tinnota li s-soċjetà konvenuta kienet lesta li "*rimanere ancora sospeso come pagamento per una vs. garanzija, fino alla sistemazione definittiva degli impianti ormai noti*."[29] Bħala somma in garanzija is-soċjetà konvenuta indikat is-somma ta' €22,635. In oltre fl-istess ittra qalet li "*Siamo in attesa di avere una risposta dalla GEAT entro venerdi 07/09/2018, nel caso in cui la GEAT si dovesse rifiutare di sistemare l'evacuazione degli impianti, avendo Parlato con il Vs. tecnico Antonio Belfiore, lui è in grado di risolvere tali problemi*."[30] Is-Sur Cascini ma waqafx hawn iżda talab lis-soċjetà attriċi "*comunicarci, quanto prima, l'importo delle spese sostenute per la sistemazione delle porte N2S per darci la possibilità di girarle al ns. fornitore*."[31]

47. Is-soċjetà konvenuta naqset li tippreżenta rapport tekniku imħejji minn inġinier tal-fiduċja tagħha dwar l-allegazzjonijiet tagħha fil-konfront tas-soċjeta' attriċi. Min-naħa l-oħra s-soċjetà attriċi ippreżentat rapport tal-Inġinier Ray Spiteri[32]. Dan ix-xhud ma ġiex kontro-eżaminat mis-soċjeta' konvenuta u għalkemm in-nuqqas ta' kontro-eżami ma jammontax għal ammissjoni tal-kontenut tat-testimonjanza, fl-istess ħin idgħajjef il-posizzjoni tas-soċjeta' attriċi meta tiġi sabiex tattakka l-posizzjoni tas-soċjeta' attriċi imsejsa fuq dak ir-rapport tekniku *ex parte*. Kif ingħad mill-

[29] Fol 122 tal-proċess.
[30] *ibid*.
[31] *ibid*.
[32] B'nota tad-29 ta' April, 2019

Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Catherine Cali pro et noe vs. Spiteri Cali** mogħtija fit-2 ta' Marzu 2018:

> "Ghalkemm din il-Qorti taqbel illi n-nuqqas li jsir kontro-ezami ta' xhud ma jsarrafx *ut sic* f'ammissjoni implicita tal-kontenut tad-depozizzjoni u filwaqt li zzomm ferm l-applikazzjoni tal-principju affirmanti, *non negat, incumbit probatio*, tqis ukoll illi dan in-nuqqas inevitabbilment idghajjef il-kontestazzjoni tal-parti l-ohra ta' dawk l-allegazzjonijiet li setghu gew diretti kontriha mix-xhud, u finalment ukoll it-tezi tal-istess parti."

48. M'hiex korretta s-sottomissjoni tas-soċjetà konvenuta fin-nota' ta' sottomissjonijiet tagħha li dak li jirreferi għalihom l-Inġinier Scicluna bħala difetti huma problemi riżultat ta' installazzjoni ħażina.

49. Is-soċjetà attriċi tallega li s-soċjetà konvenuta naqset milli tgħaddilha ċ-ċertifikat ta' konformita. F'dan ir-rigward is-soċjetà attriċi naqset milli tressaq l-aħjar prova. Anzi pjuttost tinnota li is-Sur Belfiore, impjegat tas-soċjetà attriċi ikkonferma in kontro-eżami tat-18 ta' Jannar 2023 li l-prodotti dejjem kellhom iċ-ċertifikazzjoni (il-marka CE). Dan huwa in linea mar-**Regolament 9 (3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 427.37, Regolamenti dwar Lifts**. In oltre l-impurtatur, bħal m'hi s-soċjeata attriċi għandha tiżgura li "*that the manufacturer has drawnup the technical documentation, that the safety component for lifts bears the CE marking and is accompanied by the EU declaration of conformity and the required documents*"[33] Wara li jiġi installat il-lift għandu jinħareġ ċertifikat ta' konformita minn *conformity assessment body* imwaqqaf ai termini tar-**Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 427.37.**

50. Filwaqt li l-Qorti tqis illi s-soċjetà attriċi seħħilha tipprova li kien hemm nuqqasijiet fil-prodotti 'lift components' mixtrija mingħand is-soċjeta' konvenuta u għalhekk din ta' l-aħħar hija responsabbli għad-danni konsegwenzjali, ma seħħiliex tipprova illi l-prodott mixtri kien mingħajr ċertifikazzjoni.

[33] Regolament 11 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 427.37, Regolamenti dwar Lifts.

**Danni reklamati mis-soċjetà attriċi**

51. Hekk determinat li kien hemm nuqqasijiet fil-prodotti mibjugha u kkonsenjati mis-soċjetà konvenuta, imiss issa sabiex jiġi determinat id-danni konsegwenzjali sofferti mis-soċjetà attriċi.

52. Is-soċjetà attriċi tallega li sofriet €40,970 rappreżentanti tiswijiet fuq il-*lift components* u €28,085.60 bħala ammont li ma tħallasx mill-klijenti tagħha peress li dawn ma ġewx provduti ċertifikat ta' konformita tal-fornitur.

53. Is-soċjeta' konvenuta tikkontesta wkoll il-quantum tad-danni reklamati. Tgħid illi x-xogħlijiet li ġew imniżżla fid-dokument ippreżentat minn Antonio Belfiore kif ukoll minn Patrick Busuttil, bħala spejjeż għal riparazzjonijiet, mhux kollha jirrigwardaw xogħlijiet fuq il-*components* difettużi, iżda hemm siegħat li kienu dedikati għall-installazzjoni tal-lift.

54. Il-fatt li mhux ix-xogħlijiet kollha jirrigwardaw xogħol li sar relatati mal-prodott difettuż ġie ikkonfermat ukoll in kontro-eżami minn Patrick Busuttil fl-20 t'Ottubru 2022:

> "Dr. Sarah Demicoli: Imma ha nerga' nistaqsik. Naqblu li mhux il-lista kollha ghandha x'taqsam ... [mr-riparazzjoni tal-*lift components?*]
> Xhud: Kollha kollha le.
> Qorti: Dak id-dokument li qed tistaqsih fuqu x-xhud esebih?
> Xhud: Iva Sur Imhallef.
> Dr. Sarah Demicoli: Ezempju iktar 'l fuq fl-istess pagna hemm miktub to supply and install container of recycling oil. Qed naqblu li hemm affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' installation?
> Xhud Hemm affarijiet iva imma hemm affarijiet ghax dan ma tistax ...
> Qorti: Jekk hemmx affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' l-installations staqsietek.
> Xhud: Iva. "[34]

55. Kemm Loffreda kif ukoll Belfiore għamlu lista tal-postijiet li kellhom problema bil-prodotti fornuti mis-soċjetà konvenuta u ċioe:

i. Island View
ii. St. Michael's Court
iii. Triq ta' Masrija, Mellieħa

[34] Fol 602 a tergo tal-proċess.

iv. Tower Road
v. Velocity Trampoline Park
vi. Graham Street
vii. Windsor Court
viii. Reviene Iklin
ix. Triq Wied Għolliewa, Kappara
x. Mecca Marine
xi. Triq G. Despott, Kappara

56. Cascini fix-xhieda tiegħu ikkontenda li fl-email tat-22 ta' Ġunju 2018, Patrick Busuttil kien infurmah li "*siamo parlando di 5 impianti e penso che il […] Tower road ha la stessa problema*"[35] u ma jistax jifhem kif issa dawn ġew għal ħdax-il fond.

57. Il-Qorti daret b'reqqa d-dokumentazzjoni kollha li ġiet ippreżentata b'mod speċjali l-korrispondenza tal-10 ta' Awwissu 2017 u dik tat-8 ta' Ġunju 2018 u ssib li s-segwenti postijiet kienu nġabu għall-attenzjoni tas-soċjetà konvenuta:

i. St. Michael's Court
ii. Tower Road
iii. Velocity Trampoline Park
iv. Graham Street
v. Windsor Court
vi. Iklin
vii. Mecca Marine

Is-segwenti żewġ fondi imbagħad issemmew f'ittra mibgħuta mis-soċjetà konvenuta lis-soċjetà attriċi mal-korrispondenza tal-5 ta' Settembru 2018[36] fejn sar qbil li s-soċjetà attriċi żżomm pagament (inkluż ta' St Michael's Court) bħala garanzija sakemm il-problema tiġi solvuta definittivament u ċioe:

viii. Triq ta' Masrija, Mellieħa
ix. Triq G. Despott, Kappara.

B'dan ifisser għalhekk li mid-dokumentazzjoni pprovduta ma jirriżultax li s-soċjetà attriċi kienet informat li kien hemm problemi fil-lifts ta' Island View (fit-8 ta' Ġunju 2018 dan il-post issemma iżda l-installazzjonijiet kienet

[35] Fol 537 tal-proċess.
[36] Fol 122 tal-proċess.

għada ħa ssir u kien biss tħassib li s-soċjetà attriċi kellha) u fil-fond ġewwa Triq Wied Għollieqa, Kappara. Għalhekk l-ispejjeż għal dawn iż-żewġ fondi ser jiġu esklużi.

58. Imiss issa li l-Qorti tittratta id-difiża fuq imsemmija tas-soċjetà konvenuta. Minn analiżi li għamlet din il-Qorti tad-dokument a fol 124 et seq tal-proċess huwa minnu li hemm xogħlijiet li ma jirrigwardawx riparazzjoni tal-oġġett difettuż jew xogħlijiet konsegwenzjonali għal-oġġett difettuż u dan anke kkonfermah Patrick Busuttil. Huwa evidenti li l-listi jinkludi x-xogħlijiet kollha li saru fuq il-lift u mhux dak biss relatat mal-kawża odjerna. In vista ta' dan il-Qorti sejra tnaqqas is-siegħat li tqis li ma humiex marbuta mar-riparazzjonijiet mertu tat-talba attriċi. Qed telenkhom fit-tabella t'hawn taħt:

| | |
|---|---|
| **St Michaels' Court** | |
| Work on the electrical parts | 3.5 |
| Adjusted electrical parts | 2.25 |
| Inspection | 2.5 |
| Installation | 4.5 |
| Fine Tuning | 2.25 |
| Inspection | 2 |
| Snag list | 1.25 |
| Cleaning | 2.75 |
| | |
| **Tower Road** | |
| Lift out of order (meet client to close gab between lift doors and wall) | 0.75 |
| Lift out of order (incorrect installation of gypsum) | 0.5 |
| Adjusting guides | 8.75 |
| Installation | 4 |
| Installation | 3.5 |

| | |
|---|---|
| Finishings | 4.5 |
| Last touches | 3.75 |
| Lift installation | 3.5 |
| Lift installation | 2.5 |
| To show the client | 1 |
| | |
| **Triq G. Despott, Kappara** | |
| Installation (imniżżla għal tmien darbiet fil-lista b'ħinijiet differenti) | 12 |
| Delivery | 3.25 |
| | |
| **Total** | **69** |

59. Is-siegħat totali indikati mis-soċjetà attriċi fid-dokument a fol 124 et seq kienu ta' 992.50 siegħa li minnhom iridu jonqsu 68.75 għal Island View u 19.75 għal Triq Wied Għollieqa, Kappara għar-raġunijiet fuq spjegati. In oltre iridu jitnaqqsu wkoll 69 siegħat kif fuq indikat. B'dan għalhekk it-total globali ta' siegħat huwa ta' 835 siegħa. Għal kull siegħa s-soċjetà attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' ħamsin euro (€50) b'total globali ta' €41,750.

60. Dan magħdud, il-Qorti però tinnota li fir-rikors promotur is-soċjetà attriċi talbet il-ħlas ta' €40,970 għal ħin meħud sabiex saru t-tiswijiet[37]. Il-Qorti għalhekk ser takkorda s-somma ta' €40,970 somma speċifika mitluba fit-talbiet attriċi u mhux l-ammont superjuri fuq indikat, għaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tikkanonozza ammont akbar minn dak mitlub.

61. Is-soċjetà attriċi, apparti l-ispejjeż rappreżentanti tiswijiet fuq il-*lift components* appena trattata u deċiża, qiegħda titlob ukoll is-somma ta' €28,085.60, rappreżentanti 20% tal-prezz li allegatament ma tħallsux mill-klijenti tagħha.

[37] It-talba m'hijiex sabiex jiġu rifuża flus mgħoddija mis-soċjetà attriċi lis-soċjetà konvenuta għal dawk il-*lift components* li ma kinux jaħdmu iżda qiegħda titlob għall-ħlas għal ħin li ħadet sabiex għamlet it-tiswijiet.

62. Din il-Qorti tqis li s-soċjetà attriċi naqset milli tressaq lill-klijenti tagħha bħala prova li verament ma ħallsux l-aħħar pagament. Fit-tieni lok din l-Qorti tinnota wkoll mir-rapport tal-Inġinier tas-soċjeta' attriċi illi n-nuqqasijiet lamentati minnha ġew kollha rimedjati u għalhekk m'hemm ebda raġuni għalfejn ma sarx l-aħħar ħlas. Mill-korrispondenza skambjata bejn is-soċjetà attriċi u dik konvenuta jirriżulta li l-lifts installati eventwalment bdew jintużaw mill-klijenti. Ġie fil-fatt spjegat mix-xhieda tas-soċjetà attriċi stess li l-lift ma kienx ikun jista' jintuża jekk ma jkunx hemm iċ-ċertifikazzjoni. Din il-Qorti għalhekk tifhem li ġaladarba l-klijenti bdew jagħmlu użu mill-istess lifts, u n-nuqqasijiet ġew rimedjati, allura jsegwi li ċertifikazzjoni ta' konformita kienet fil-fatt ingħatat. F'dan ir-rigward għalhekk il-Qorti sejra tiċħad din il-parti tat-talba attriċi.

Ikkunsidrat;

**Kontro-talba**

63. Is-soċjetà konvenuta resqet kontro-talba fejn permezz tagħha qiegħda titlob il-ħlas tas-somma ta' €40,728 rappreżentanti bilanċ għal *components* li ġew ordnati mis-soċjeta' attriċi iżda li sussegwentement irrifjutat li toħodhom minħabba d-difetti li kienu ġew riskontrati fil-konsenji preċedenti.

64. Hemm qbil li dik il-merkanzija ma ġietx konsenjata fuq deċiżżjoni unilaterali tas-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' attriċi tgħid illi hija aġixxiet b'dak il-mod minħabba d-difetti li kienet irriskontrat fil-konsenji preċedenti u li dwarhom ukoll kienet waqfet il-ħlasijiet. Is-soċjeta' konvenuta min-naħa tagħha tgħid illi l-allegazzjoni tas-soċjeta' attriċi mhux minnha u li r-raġuni kienet peress li ħassitha urtata meta rat li s-soċjeta' konvenuta kienet qegħda wkoll tikkuntratta ma' soċjetajiet oħra ġewwa Malta.

65. Hu x'inhu, il-konsenja ma saritx. Fil-fehma konsiderata tal-Qorti is-soċjeta' attriċi, rinfaċċjata bil-problemi kollha mertu tal-kawża odjerna, kellha raġuni valida sabiex ma taċċettax il-merkanzija li kienet ordnat. Kif rajna, sal-mument li kellha tiġi kkonsenjata dik il-merkanzija s-soċjeta' attriċi kienet rinfaċċjata bi problemi kbar minħabba l-*lifts components* difettużi li kienu kkonsenjati preċedentement.

66. Stabbilit illi s-soċjeta' attriċi kellha jedd li tirrifjuta l-konsenja ta' *lift components* oħra minħabba l-problemi kkawżati minn dawk konsenjati

preċedentment, is-soċjeta' attriċi kellha kull jedd illi terġa lura mill-bejgħ u titlob lura d-depożitu imħallas.

67. Fir-rigward ta' dawn il-lift components li meta ordnati kienu destinati għall-fond Burlington, l-Qorti tosserva illi fis-17 ta' April, 2017 is-soċjetà attriċi kienet bgħatet lis-soċjeta' konvenuta depożitu ta' €3,807 akkont tal-prezz, liema somma is-soċjetà attriċi ma talbitiex lura fir-rikors promotur. Għalhekk, għalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà attriċi tissottometti li "l-*konvenuti ghandhom ukoll jirrifondu lis-socjeta attriċi d-depozitu ta' €3807*"[38], ġialadarba tali talba ma hiex inkorporata fir-rikors promotur, il-Qorti ma tistax takkordaha. Fl-istess ħin il-Qorti tqis infondata t-talba tas-soċjeta' konvenuta rikonvenzjonanti għall-ħlas tas-somma bilanċjali ta' €8,883, una volta ma ġietx konsenjat u fl-istess ħin qed jiġi deċiż li s-soċjeta' attriċi kellha dritt li ma tieħux konsenja tagħha.

68. Għaldaqstant il-Qorti tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet rikonvenzjonali.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża u l-kontro-talba bil-mod segwenti:

1. **Tilqa'** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Umberto Cascini peress li qed issib illi ma hux leġittimu kontradittur fil-kawża odjerna u għalhekk tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. **Tilqa'** t-tnax-il eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta filwaqt li tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet;

3. **Tilqa' in parte** t-tieni talba attriċi, tiddikjara illi s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' erbgħin elf u disa' mija u sebgħin ewro (€40,970) rappreżentanti r-riparazzjonijiet fuq *lift components* mixtrija mingħand is-soċjeta' konvenuta, u li s-soċjetà attriċi kellha twettaq. Tiċħadha fil-kumplament;

4. **Tilqa' in parte** it-tielet talba attriċi, tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi is-somma imsemmija ta' erbgħin elf u disa' mija u sebgħin ewro (€40,970) bl-imgħax legali mit-2 ta' Novembru 2018 sad-data tal-pagament effettiv. Tiċħadha fil-kumplament;

[38] Fol 652 tal-proċess.

5. **Tilqa’** l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta’ attriċi rikonvenzjonata għat-talbiet rikonvenzjonali.

6. **Tiċħad** it-talbiet rikonvenzjonali.

   **Bl-ispejjeż**, (i) in kwantu għal dawk marbuta mar-rikors ġuramentat, l-ispejjeż tal-konvenut Umberto Cascini a karigu tas-soċjeta’ attriċi; ir-rimanenti spejjeż jitħallsu in kwantu għal kwart (1/4) mis-soċjeta’ attriċi u in kwantu għal tliet kwarti (3/4) mis-soċjeta’ konvenuta; (ii) in kwantu għal dawk marbuta mal-kontro-talba, l-ispejjeż a karigu tas-soċjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
3 ta’ Mejju, 2024

**Deputat Reġistratur**